Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Maria Concetta Vella

Vs

Ivan Schembri – Home Plus

CCT 170/23/MM

Illum, 5 ta' November 2024

It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Settembru, 2023 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsa u tletin ewro (€35) rapprezentanti prezz ta' umbrella tal-baħar li kienet difettuża.

L-intimat ma preżentax risposta iżda attenda għas-seduta tas-27 ta' Frar 2024.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

Ikkunsidra s-segwenti:

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Ikkunsidra

Illi skont il-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-prodotti li jinbiegħu jridu jkunu adatti għall-użu maħsub tagħhom. Umbrella tal-baħar hija ddisinjata biex tipprovdi dell, iżda għandha wkoll tkun reżistenti b'mod raġonevoli għall-kundizzjonijiet tat-temp tipiċi bħal riħ, f'ċerti parametri u limiti.

Il-mistoqsija hija jekk persuna raġonevoli tistenniex li l-umbrella tal-baħar tista' tirreżisti l-livell ta' riħ li kien preżenti f'dak il-mument. Jekk ir-riħ kien b'saħħtu b'mod akbar minn dak li hu raġonevolment mistenni li umbrella tal-baħar tiflaħ tirreżisti, l-ħsara tista' ma tkunx attribwita għal difett fil-prodott.

Illi minn-naħa l-oħra, l-konsumaturi għandhom dmir li jużaw il-prodotti skont l-istruzzjonijiet u l-bon sens. Jekk ir-riħ kien qawwi biżżejjed biex jagħmel l-umbrella

instabbli, ir-rikorrenti kienet mistennija li tieħu passi raġonevoli biex tevita l-ħsara per eżempju billi hija tagħlaq l-umbrella.

Illi l-argument tal-intimat huwa bbażat fuq il-fatt li l-umbrella ma kinitx difettuża, iżda kienet inħakmet mir-riħ u nkisret b'dan li m'għandux iwieġeb għad-danni li sofriet ir-rikorrenti. L-intimat jargumenta li l-attriċi kellha tinnota li r-riħ kien qawwi wisq u kellha tagħlaq l-umbrella.

Illi ħadd mill-partijiet ma ġab prova indipendneti li titfa dawl dwar il-kundizzjonijiet tar-riħ u għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiddetermina jekk il-kundizzjoniet tat-temp kienux abnormali jew eċċessivi għall-użu tal-umbrella tal-baħar fuq il-bajja. Għalhekk it-Tribunal ser jiddeċiedi fuq ix-xhiedha tal-partijiet u fuq id-dokumenti esebiti fil-proċess.

Illi mix-xhiedha tar-rikorrenti jidher li hija bdiet tinnota li l-kundizzjonijiet tar-riħ kienu b'mod ċar problematiċi u minkejja li bdiet tinnota l-umbrella ddur minn-naħa għall-oħra hija baqat passiva u injorat dan kollu sakemm eventwalment l-umbrella inksiret.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti naqset li tipprova l-każ tagħha u fuq bilanċ ta' probabbilita,' l-provi juri li l-umbrella inkisret għax inħatfet mir-riħ u mhux għax kienet difettuża. Illi tassew li r-rikorrenti kienet sfortunata li l-umbrella kellha tinkiser propju fl-ewwel darba li użata iżda dan ma jfissirx li l-intimat għandu jwieġeb għall-akkadut. Illi ma dan jingħad ukoll li kien jispetta lir-rikorrenti li ma tiftaħx umbrella tal-baħar li hija intiża biex tilqa' għax-xemx meta jkun hemm riħ qawwi biżejjed li beda jdawwar l-umbrella minn-naħa għal oħra. Kien jispetta wkoll lir-rikorrenti li tagħlaq l-umbrella immedjatament kif innutat l-umbrella tiġġieled mar-riħ, xi ħaġa li m'għamlitx tant li l-umbrella spiċċat imkissra.

Għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma rnexxillix tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi u għalhekk ser jiċħad l-ilment tar-rikorrenti.

Decide

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tagħha.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru